MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-25 ta' April, 2003

Rikors Numru. 10/2003/1

**Andrew ELLUL SULLIVAN u Charles *sive* Carmelo Ellul Sullivan**

**vs**

**IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA u l-Avukat Ġenerali**

## Il-Qorti:

Dan huwa Degriet mogħti skond l-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fuq talba magħmula b'rikors imressaq fis-7 t'April, 2003, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ir-rikorrenti Ellul Sullivan talbu li, sakemm ikun għadu qiegħed jinstama' r-Rikors Kostituzzjonali mressaq minnhom kontra l-intimati quddiem din il-Qorti, jiġi sospiż it-terminu ta' ħlasijiet impost kontra tagħhom b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Marzu, 2003;

Qieset li l-intimati opponew għat-talba fi tweġiba li huma ressqu fil-15 t'April, 2003, u għar-raġunijiet hemm imsemmija;

Illi waqt is-smigħ tal-15 t'April, 2003, il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet tal-imsemmi rikors;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrenti llum stess, flimkien ma' dokument mehmuż magħha;

Qieset li r-raġuni ewlenija li għaliha r-rikorrenti qegħdin jitolbu s-sospensjoni tal-ħlas tar-rati inflitti fuqhom fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali hija l-ħsara irreparabbli li huma sejrin ibatu kieku s-sospensjoni ma tingħatax, billi jekk ma jsirx il-ħlas minnhom skond kif stabilit fl-imsemmija sentenza, il-multa tinbidel fi żmien ta' priġunerija. Ir-Rikors Kostituzzjonali mressaq minnhom qiegħed jattakka s-siwi tal-istess sentenza;

Qieset li r-rikorrenti qegħdin jimmotivaw it-talba tagħhom billi jgħidu li (a) mhix qegħda tintalab sospensjoni indefinita tal-eżekuzzjoni tas-sentenza, (b) li r-rimedju mitlub huwa biss

wieħed *interim*, (ċ) li m'huwiex xieraq li huma jbatu r-rigur ta' sentenza li huma qegħdin jattakkaw is-siwi tagħha u (d) li l-ħsara li jġarrbu kieku l-eżekuzzjoni tas-sentenza ma tiġix sospiża tkun waħda irriversibbli;

Qieset li, min-naħa tagħhom, l-intimati jisħqu li (a) s-sentenza li tagħha r-rikorrenti qegħdin jitolbu t-twaqqif hija (sakemm jinstab mod ieħor) ġudikat li jorbot riżultanti minn proċess kostitwit u validu, (b) li t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza joħloq preċedent perikoluż għal kull min irid jevita l-effetti ta' sentenza mogħtija kontrih, (ċ) li jekk jingħata rimedju ta' żamma ta' eżekuzzjoni ta' sentenza dan għandu jingħata biss u eċċezzjonalment f'każijiet gravi u straordinarji, (d) li s-sentenza li r-rikorrenti jridu jżommu l-eżekuzzjoni tagħha tikkostitwixxi ordni għal ħlas ta' multa u (e) li ż-żamma tal-eżekuzzjoni tas-sentenza jxellef il-ħarsien li s-sentenza tagħti għall-interessi tas-soċjeta' minħabba l-għamil tar-rikorrenti;

Qieset li s-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla Kostituzzjonali m'humiex imfissrin b'mod eżawrjenti f'xi dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ;

Qieset li hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet;

Qieset li t-talba kif magħmula mir-rikorrenti bl-ebda mod ma torbot il-mertu tas-smigħ tar-Rikors ewlieni;

Qieset li s-sentenza li qegħda tintalab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tagħha imponiet terminu lir-rikorrenti minn meta għandhom jibdew iħallsu r-rati ta’ kull xahar tal-multa inflitta fuqhom;

Għalhekk, filwaqt li żżomm dawn il-konsiderazzjonijiet kollha quddiem għajnejha, hija qegħda tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u qegħda tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tal-20 ta’ Marzu, 2003, u dan taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) li tali twaqqif tal-eżekuzzjoni għandu jdum iseħħ sa tliet (3) xhur kalendarji millum, liema żmien jista’ jiġi mibdul wara talba f’dan is-sens minn kull waħda mill-partijiet;

(b) li dan l-ordni jitħassar minnufih, fil-każ ta’ kull wieħed mir-rikorrenti, jekk kemm-il darba jonqsu li jiddepożitaw fir-Reġistru ta’ din il-Qorti, sa mhux iżjed tard mit-tletin (30) ta’ Mejju, 2003, garanzija bankarja xierqa li qegħda tiġi ffissata fis-somma ta’ sbatax-il elf lira Maltin (Lm 17,000) fil-każ tar-rikorrent Carmelo Ellul Sullivan u fis-somma ta’ tmienja u għoxrin elf lira Maltin (Lm 28,000) fil-każ tar-rikorrent Andrew Ellul Sullivan: b’dan li jekk wieħed mir-rikorrenti biss jonqos li jwettaq dak minnu ordnat f’dan il-paragrafu, l-ordni jibqa’ jseħħ fil-konfront tar-rikorrent l-ieħor;

(ċ) li kull wieħed mir-rikorrenti jrid iressaq Nota fl-atti ta’ din il-kawża b’kopja tal-att ġudizzjarju li juri li wettaq l-obbligazzjoni msemmija fil-paragrafu ta’ qabel;

(d) li għall-finijiet tal-iskadenzi imposti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fuq imsemmija, għandu

jitqies li dan l-ordni ngħata b'seħħ minn data qabel l-20 t'April, 2003; u

(e) li dan l-ordni qiegħed jitqies bħala wieħed interlokutorju li għalih japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 230 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------